MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Numru 223/2001

**Il-Pulizija**
(Spettur Mario Tonna)
**vs**
**Reginald Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Reginald Bugeja ta' 32 sena gewwa il-Pieta' nhar il-05 ta' Novembru 1072 bin paul u Doris nee' Hole u residenti gewwa 26 College Street Rabat u detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 505272M.

Talli fil-Furjana minn gewwa Pjazza Papa Gwanni XIII nhar it-08 ta' April 2001, b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda bejn l-04.00pm u l-04.30pm ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Mitsubishi Lancer bin-numru tar-registrazzjoni EBB893 a detriment ta' Albert

Polidano, liema serq jeccedi l-elf lira Maltin izda jeccedi it-tlett elef lira Maltin ikkwalifikat, bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur u bil-mezz u dan ai termini tal-arikoli 261, 263 u 267, 271(g), 279(b) u 281(a) tal-kodici kriminali, Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Mitsubishi Lancer bin-numru tar-registrazzjoni EBB 893 u fuq accessorji taghha ghad-dannu ta’ l-istess Albert Polidano liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira Maltin, imma teccedi il-hamsin lira Maltin u dan ai terminu tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli f’dawn il-Gzejjer fis-07 t’April 2001, u fl-ahhar xhur ta’ qabel din id-data, fil-Belt Valletta, u bnadi ohra f’Malta u f’hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Tqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga kienet f’tali cirkostanzi li juru li kienet ghal-uzu esklussiv tieghu.

U aktar talli sar ricediv ai termini tal-artikoli 49,50 u 289 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi li saru definittivi:-

1. fis-06 t’Ottubru 2000 tal-Qorti tall-Magistrati (Malta) meta nstab hati li kkommetta serq

aggravat u gie kkundannat 18 il-xahr prigunerija sospizi ghall-sentejn fl-Awla tal-magistrat M. Hayman LL.D.
2. fil-11 t'Ottubru 2000 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) instab hati ta' serq aggravat u ikkundannat 14 il-xahar prigunerija sospizi ghall-tlett snin fl-Awla tal-Magistrat Dr. J. Padovani Grima, LL.D.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-17 ta' Mejju 2001 u biz-zieda fiha maghmula.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi tratta bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u tenna wara li l-Qorti fissritlu xi tfisser ammissjoni.

Issibu hati.

Rat l-artikli 261, 263, 267, 271(g) 278, 280, 325(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kapitlu 101 fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi u l-Avviz legali 292/1939, l-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9.

Ser tapplika l-artiklu 28B (2) (b) billi l-akkuzat ghamel tajjeb ghad-danni minn kkagunati u llum qabad triq ohra tajba ghall-sahtu u ghandu familja u sab jahdem.

Ghalhekk tibdel l-ordnijiet originali maghmulin bis-sahha tas-subartiklu (1) ta' l-artiklu 28A u taghmel perjodu operativ li jiskadi fi zmien erba' snn minn illum.
Tikkundanna lill-hati LM500 (hames mitt lira Maltija) multa li ghanda tithalla fi zmien sitt xhur minn illum f'daqqa jew f'rati ta' kull xahar minn illum basta sa sitt xhur minn illum tkun imhallsa. Il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem car ir-responsbilita tieghu that l-artiklu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------